

Brussell, 25 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7705/26

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0030(COD)

CODIF 12
CODEC 539
SEMENCES 8

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 128 final
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-ekwivalenza ta' l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuh tar-raba li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi (kodifikazzjoni)

Id-delegazzjonijiet isibu hawn mehmuża l-proposta ta' kodifikazzjoni mill-Kummissjoni msemmija fis-suġġett (COM(2026) 128 final - 2024/0030 (COD) u l-Annessi 1 sa 4).

Id-delegazzjonijiet huma mistiedna jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-proposta ta' kodifikazzjoni sa nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026 fuq l-indirizzi li ġejjin:

Codification@consilium.europa.eu U sj-codification@ec.europa.eu

Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tad-delegazzjonijiet għall-Gwida Prattika dwar il-Kodifikazzjoni (dok. 14722/14 + COR1).

Mehmuż: COM(2026) 128 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.3.2026
COM(2026) 128 final

2024/0030 (COD)

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-ekwivalenza ta' l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuh
tar-raba li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta
fil-pajjiżi terzi (kodifikazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. F' is-6 ta' Frar 2024 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkodifika d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza ta' l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuh tar-raba li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi¹.
2. Fid-dawl ta' l-emendaadottata fil-proposta msemmija fil-punt 1 , il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta , – skond l-Artikolu 293(2) TFEU, proposta emendata għall-kodifikazzjoni tar-Deċiżjoni ikkonċernata.
3. Meta mqabbla mal-proposta msemmija fil-punt 1, il-bidliet magħmula f'din il-proposta emendata huma dawn li ġejjin:
 - (a) fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

‘Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.’
 - (b) L-Anness I huwa emendat kif jinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (UE) 2025/1228 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2025 li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fir-Repubblika tal-Moldova fuq l-għelejjel tal-pjanti tal-għalf li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa tal-pjanti tal-għalf prodotta fir-Repubblika tal-Moldova, u fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-għelejjel tal-pitravi li jipproduċu ż-żerriegħa u fuq l-għelejjel tal-pjanti taż-żejt li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa tal-pitravi u taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt prodotta fl-Ukrajna².
 - (c) fl-Anness III tiżdied l-entrata li ġejja:

*‘Deċiżjoni (UE) 2025/1228 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL, 2025/1228,`
20.6.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1228/oj> .)’*
4. Sabiex jiġi ffaċilitat il-qari u r-reviżjoni, it-test sħiħ tal-proposta emendata għall-kodifikazzjoni huwa hawnhekk meħmuż.

¹ COMM (2024) 53 finali tas-6.2.2024.

² ĠUL, 2025/1228, 20.6.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1228/oj>.

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-ekwivalenza ta' l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuh tar-raba li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi (kodifikazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

⊗ IL-PARLAMENT EWROPEW U ⊗ L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ⊗ 43(2) ⊗ tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:



- (1) Id Deċiżjoni tal Kunsill 2003/17/KE⁴ ġiet emendata kemm il darba b'mod sostanzjali⁵. Fl interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità, jenħtieġ li dik id-Deċiżjoni tiġi kkodifikata.

↓ 2022/871 premessa 1 (adattat)

- (2) F'ċerti kundizzjonijiet, l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fuq ċerti għelejjel li jipproduċu ż-żerriegħa ⊗ f'ċerti ⊗ pajjiżi terzi jenħtieġ li jitqiesu ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. F'ċerti kundizzjonijiet, iż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet prodotti f'dawk il-pajjiżi terzi jenħtieġ li titqies bħala ekwivalenti għaż-żerriegħa prodotta f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

³ ĠU C, C/2024/3386, 31.5.2024.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuh tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2003/17\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2003/17(1)/oj)).

⁵ Ara l-Anness III.

↓ 2022/871 premissa 2 (adattat)

- (3) L-ekwivalenza ngħatat lil ċerti pajjiżi terzi abbażi tal-qafas multilaterali għall-kummerċ internazzjonali taż-żerriegħa, jiġifieri l-Iskemi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għaċ-Ċertifikazzjoni Varjetali taż-Żerriegħa li jimxu fil-Kummerċ Internazzjonali u l-metodi tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ittestjar taż-Żerriegħa (ISTA) jew, fejn xieraq, ir-regoli tal-Assoċjazzjoni tal-Analisti Uffiċjali taż-Żerriegħa (AOSA) li huma ekwivalenti għall-metodi tal-ISTA. Il-Kummissjoni wettqet ukoll valutazzjonijiet leġiżlattivi u verifiki f'xi wħud minn dawk il-pajjiżi terzi sabiex tivverifika jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti skont il-liġi tal-Unjoni qabel ma tat l-ekwivalenza għall-ewwel darba. L-ittestjar u r-rapportar annwali fi ħdan il-qafas tal-OECD, il-verifika mill-ġdid perjodiku tal-laboratorji għall-akkreditazzjoni tal-ISTA, kif ukoll l-ispezzjonijiet uffiċjali fil-kuntest tal-liġi tal-Unjoni, jindikaw li l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa f'dawk il-pajjiżi terzi jagħtu l-istess garanziji bħall-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Istati Membri u li ż-żerriegħa prodotta u ċċertifikata f'dawk il-pajjiżi terzi tagħti l-istess garanziji bħaż-żerriegħa prodotta u ċċertifikata fl-Istati Membri. Dawk l-ispezzjonijiet fuq il-post u ż-żerriegħa jenħtieġ li jitqiesu bħala ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq il-post u ż-żerriegħa tal-Unjoni.

↓ 2003/17/KE premissa 7
(adattat)

- (4) Huwa xieraq li din id-Deċiżjoni tinkludi regoli speċifiċi li jirrigwardaw il-ġhoti mill-ġdid tat-tikketti u l-irbit mill-ġdid fl-Unjoni .

↓ 2003/17/KE premissa 8
(adattat)

- (5) Huwa xieraq li jiġu pprovvduti regoli ddettaljati dwar l-indikazzjonijiet eżatti li jridu jingħataw fuq it-tikketta taż-żerriegħa ċċertifikata importata skond din id-Deċiżjoni fir-rigward tal-obbligu li ż-żerriegħa, inkluża ż-żerriegħa li għadha mhix iċċertifikata b'mod finali, mibjugħa fis-suq tal-Unjoni sabiex jindikaw jekk iż-żerriegħa ġietx ittrattata kimikament jew jekk il-varjetà ġietx modifikata ġenetikament . Fil-ġejjieni, l-Annessi mad-Deċiżjoni preżenti jenħtieġ li jiġu aġġornati sabiex jiġi żgurati illi ż-żerriegħa importata tkun soġġetta għall-ħtiġiet ekwivalenti għal kull regola ġdida li tista' tiddaħħal, b'mod speċjali għaż-żerriegħa li tkun għadha mhux iċċertifikata b'mod finali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

↓ 2005/834/KE Art. 4

Artikolu 1

↓ 2018/1674 Art. 1.1 (adattat)

L-ispezzjonijiet fuq il-post li jirrigwardaw l-uċuh tar-raba li jipproduċu ż-żerriegħa ta' l-ispeċji speċifikati fl-Anness I imwettqa fil-pajjiżi terzi elenkati f'dak l-Anness għandhom

jiġu kunsidrati bħala ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa skond id-Direttivi [2002/54/KE](#)⁶, [66/401/KEE](#)⁶, [66/402/KEE](#)⁷, [2002/54/KE](#)⁸, [2002/55/KE](#)⁹ u [2002/57/KE](#)¹⁰ sakemm:

↓ 2005/834 Art. 4

- (a) jitwettqu uffiċjalment mill-awtoritajiet elenkati fl-Anness I, jew taħt is-sorveljanza uffiċjali ta' dawk l-awtoritajiet;
- (b) jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt A ta' l-Anness II.

↓ 2018/1674 Art. 1.2 (adattat)

Artikolu 2

Iż-żerriegħa ta' l-ispeċji speċifikati fl-Anness I, prodotti fil-pajjiżi terzi elenkati f'dak l-Anness u ċertifikata uffiċjalment mill-awtoritajiet elenkati f'dak l-Anness għandha tiġi kunsidrata bħala ekwivalenti għaż-żerriegħa li tikkonforma mad-Direttivi [66/401/KEE](#), [66/402/KEE](#), [2002/54/KE](#), [2002/55/KE](#) u [2002/57/KE](#), jekk din tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt B ta' l-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

↓ 2003/17/KE

Artikolu 3

↓ 2018/1674 Art. 1.3(a) (adattat)

1. Meta żerriegħa ekwivalenti tiġi “mogħtija t-tikketta mill-ġdid u marbuta mill-ġdid” fl-Unjoni, fit-tifsira ta' l-Iskemi ta' l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvillupp Ekonomiċi -OECD għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Varjetali taż-Żerriegħa, għandhom japplikaw b'analoġija d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi [66/401/KEE](#), [66/402/KEE](#), [2002/54/KE](#), [2002/55/KE](#) u [2002/57/KE](#) li jirrigwardaw l-għeluq mill-ġdid tal-pakketti prodotti fl-Unjoni.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika mingħajr preġudizzju għal dawn il-ħidmiet.

⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill [66/401/KEE](#) ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf (Edizzjoni speċjali bil-Malti: Kapitolur 03 Volum 001 P. 55 – 65, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1966/401/oj>).

⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill [66/402/KEE](#) tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież (ĠU P 125 11.7.1966, p. 2309, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1966/402/oj>).

⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill [2002/54/KE](#) tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi (ĠU L 193 20.7.2002, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/54/oj>).

⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill [2002/55/KE](#) tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex (ĠU L 193 20.7.2002, p. 33, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/55/oj>).

¹⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill [2002/57/KE](#) tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra (ĠU L 193 20.7.2002, p. 74, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/57/oj>).

↓ 2003/17/KE (adattat)

2. Meta jkunu meħtieġa fl- Unjoni l-għoti mill-ġdid tat-tikketti u l-irbit mill-ġdid taż-żerriegħa ekwivalenti, għandom jintużaw it-tikketti UE biss:

- (a) jekk iż-żerriegħa prodotta fl-Istati Membri u ż-żerriegħa ta' l-istess varjeta' u kategorija prodotta fil-pajjiżi terzi jiġu mħallta flimkien sabiex tittejjeb il-kapaċità tal-ġerminazzjoni, sakemm:
- it-taħlita tkun omoġenja, u
 - it-tikketta ssemmi kull pajjiż tal-produzzjoni; jew

↓ 2018/1674 Art. 1.3(b) (adattat)

- (b) għall-pakketti żgħar KE fit-tifsira tad-Direttivi 66/401/KEE, 2002/54/KE jew 2002/55/KE .

↓

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 2003/17/KE hija mħassra.

Referenzi għad-Deċiżjoni li ġiet imħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

↓ 2003/17/KE

Artikolu 5

↓ 2025/1228 Art. 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

↓ 2003/17/KE (adattat)
→₁ 2025/1228

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal- →₁ 31 ta' Diċembru 2029 ← .

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President